MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 43/2007

**Darren Zammit**

**vs**

1. **Avukat Generali**
2. **Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Darren Zammit, fejn dan wara li ppremetta illi:

L-esponenti gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'akkuzi relatati mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 11 ta' Jannar 2007, l-

esponenti gie kkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett snin, u multa ta' Lm 400 (erba' mitt Lira Maltin).
L-esponenti appella mis-sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, u dan fit-terminu preskritt mil-Ligi.

Meta l-appell gie appuntat ghat-22 ta' Frar 2007, l-appellant kien jinsab indispost, u huwa tramite d-difensur tieghu pprezenta certifikat mediku sabiex jiggustifika l-assenza tieghu.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li rat ic-certifikat ta' l-esponenti, wara li rat li:

*"r-raguni li tidher li hi taghha hi moghtija f'dan ic-certifikat ma tiggustifikax l-assenza tieghu quddiem din il-Qorti, rat l-Artikolu 442 tal-Kodici Kriminali, u tiddikjara l-appell tieghu desert u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu."*

Sussegwentement, fis-26 ta' Frar 2007, l-esponenti ai termini ta' l-Artikolu 442 (1) ntavola rikors sabiex l-appell tieghu jigi ri-appuntat, u dan fit-terminu perentorju ta' erbat ijiem preskritt mil-Ligi, liema rikors gie intavolat flimkien ma' dikjarazzjoni mahtufa ta' l-istess appellant.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li rat ir-rikors ta' l-appellant, permezz ta' digriet datat 26 ta' Frar 2007, ddekretat is-segwenti:

*"Qabel ma tilqa', tordna li dan jigi trattat fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2007 fit-8.30am, meta ghandu jidhol it-tabib li hareg ic-certifikat biex jigi intervistat minn din il-Qorti. It-tabib ghandu jigi ngunt a karigu u spejjez tar-rikorrent*."

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2007, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali semghet lit-Tabib Dott. Stephen Spiteri jispjega li huwa kien invista l-pazjent tieghu l-appellant, u anke spjega dwar kif huwa kien irreferih ghall-kura ta' psikjatra, minhabba l-istat ta' ansjeta li huwa kien jinsab fiha.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li semghet it-Tabib Stephen Spiteri jiddeponi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2007, cahdet it-talba ta' l-esponenti sabiex l-appell ta' l-esponenti jerga' jigi appuntat, u dan wara li rat li l-assenza ta' l-esponenti dakinhar ta' l-ewwel dehra ma kinitx wahda gustifikata.
Is-seduta tat-2 ta' Marzu 2007 damet anqas minn hames minuti, u l-esponenti ma inghatax l-opportunita' xierqa sabiex jispjega n-nuqqas ta' dehra tieghu, liema nuqqas ta' dehra kien wiehed gustifikat skond ic-certifikat mediku li gie pprezentat in atti. L-esponenti umilment jirrileva li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, meta huwa ma nghatax l-opportunita' adegwata sabiex jispjega n-nuqqas ta' dehra tieghu, u eventwalment l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tghaddi sabiex titratta l-appell intavolat minnu. Gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem illi l-Artikolu 6 japplika ghall-proceduri <u>fl-intier taghhom</u>, jigifieri mill-bidu nett taghhom, sar-res judicata. Dan gie stabbilit f'*Eckle vs Germany, 15/07/1982 Ser. A 51, u Philips vs UK, 05/09/2001, App. No. 41087/98*.

Di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar 2007, ordnat li jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv, meta tali perjodu kien prattikament wiehed insinjifikanti, u huwa ghamel madwar tmien xhur taht arrest domiciljari. Dan il-perjodu ta' tmien xhur ma giex mehud kont meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ppronuncjat is-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar 2007. Dan imur direttament kontra d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti, u hawnhekk l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza *Pekov vs Bulgaria* deciza fit-30 ta' Marzu 2007 *App. No. 50358/99*.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq ta' l-imsemmija dispozizzjonijiet kostituzzjonali billi (a) tiddikjara illi d-dritt fundamentali, senjatament id-dritt ghal smiegh xieraq, ta'

l-esponenti, gew lezi; (b) tordna li l-esponent jitqieghed fil-pozizzjoni li kien qabel it-22 ta' Frar 2007, u tirriappunta l-appell ta' l-esponenti ghas-smiegh; (c) thassar u tannulla d-digriet ta' deserzjoni datat 22 ta' Frar 2007, u d-digriet datat 2 ta' Marzu 2007; (d) tiddikjara li l-perjodu li l-esponenti skonta taht arrest domiciljari jigi effettivament imnaqqas mill-piena karcerarja; u (e) tikkumpensa lir-rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Puluzija u l-Avukat Generali, fejn dawn ecceppew illi:

Fl-ewwel lok jidher li l-ilmenti tar-rikorrent jikkonsistu fi ksur ta' l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, ghalkemm huwa ma jispecifikax l-artikoli involuti. Jidher ukoll illi l-ilmenti tar-rikorrent ma jirrigwardawx xi artikoli tal-Kostituzzjoni u dan billi m'hemm l-ebda referenza ghall-Kostituzzjoni hlief ghall-artikolu 46 li pero' ma jistax jigi applikat f'izolazzjoni mill-kumplament ta' l-artikoli li jippreceduh.

***<u>Nuqqas ta' smigh xieraq</u>***

Ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn nuqqas ta' smigh xieraq meta kien hemm ir-rapprezentant legali tieghu fl-awla, u l-Qorti mhux biss tatha l-opportunita' li tispjega ghaliex il-klijent taghha ma kienx deher ghas-smigh dakinhar izda ukoll talbet li jitla' t-tabib li hareg ic-certifikat sabiex b'hekk il-kaz ikun jista' jigi mistharreg ahjar.

<u>Il-Qorti mxiet b'mod meqjus</u>

Mix-xhieda tat-tabib li hareg ic-certifikat mediku, jirrizulta li huwa ma kienx psikjatra, ghall-kuntrarju ta' dak li kien gie komunikat lill-Qorti precedentement, izda tabib tal-familja. Ghalhekk, ma kienx f'pozizzjoni li jesprimi ruhu b'certezza dwar l-ilment psikjatriku avvanzat mir-rikorrent. Inoltre, it-tabib stess xehed quddiem il-Qorti illi huwa kien iddeduca li r-rikorrent kien ecitat ghax kien ghadu kemm gie ikkundannat il-habs. Fic-cirkostanzi, u wara li semghet

sew lid-difensur tar-rikorrent kif ukoll lit-tabib, il-Qorti ikkonkludiet li r-rikorrent ma kienx gustifikat bizzejjed biex ma jattendix ghas-seduta. Kif osservat il-Qorti, ir-rikorrent "seta' johrog mid-dar u bl-istess mod li wara l-appell tieghu gie dikjarat dezert seta' johrog u jmur ghand it-tabib, seta' ukoll attenda l-Qorti dakinhar filghodu."

Il-komportament tal-Qorti f'dan il-kaz kien konformi ma u konsegwenti ghal dak li jipprovdi l-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali, u l-Konvenzjoni Ewropeja ma tindahalx lill-Qrati dwar kif ghandhom jirregolaw il-procedura taghhom, galadarba tali procedura ma tkunx manifestament leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, haga li ma tokkorrix fil-kaz odjern. Ma jistax ikun li wiehed jissolleva ksur tad-drittijiet fundamentali sempliciment ghax tkun inghatat decizjoni kuntrarja ghax-xewqat tieghu. Barra minn hekk, fir-rikors promotur mhux qed tigi attakkata l-Kostituzzjonalita' o meno tal-procedura kontenuta fl-imsemmi artikolu 422.

***<u>Ilment dwar il-'house arrest'</u>***

Ir-rikorrent qieghed ukoll jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba li l-perjodu ta' tmien xhur li ghamel taht *house arrest* ma tqiesx bhala perjodu ta' arrest preventiv meta l-Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali ghaddiet ghas-sentenza fil-11 ta' Jannar 2007. Ghalkemm ir-rikors promotur ma jispecifikax l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja li allegatament gie lez, jidher li r-rikorrent qed jilmenta minn ksur tal-Hames Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Jidher ukoll li r-rikorrent qed jipprova jintesta l-ilment tieghu taht l-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jipprovdi li:

**"Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:**
**(c) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragjonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus**

**ragjonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;"**

Il-*house arrest* hija wahda mill-garanziji biex imputat jidher ghall-proceduri kontrih

Jirrizulta li l-perjodu ta' tmiex xhur li r-rikorrent qatta' konfinat gewwa daru kien 'house arrest' li hija liberta' provizorja bil-kundizzjoni li l-imputat ma johrogx 'il barra mid-dar. L-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jipprovdi inter alia illi "**Il-helsien (mill-arrest jew detenzjoni) jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.**"

Mill-artikolu fuq ikkwotat jirrizulta li l-arrest jew detenzjoni ta' persuna qabel jigi processat fil-Qorti (pre-trial) ma jigix fi tmiemu biss meta jinstema' u jigi deciz il-kaz tieghu izda anke jekk jigi rilaxxat pendenti l-ipprocessar tieghu. Tali rilaxx jista', bhal fil-kaz odjern, jigi ukoll koncess b'mod ikkundizzjonat. Ghalhekk, huwa difficli li l-Qorti Ewropeja tikkunsidra r-rilaxx 'on bail' bil-kundizzjoni li l-akkuzat jibqa' konfinat ghad-domicilju tieghu bhala arrest jew detenzjoni, ta' l-inqas meta jkun jidher li l-intenzjoni tal-Qorti fl-impozizzjoni ta' *house arrest* tkun li din tinghata bhala kundizzjoni ghal-liberta' provvizorja.

L-istess rikorrent accetta l-*house arrest* bhala lqugh tat-talba ghal-liberta' provvizorja

Fil-kaz prezenti jidher car illi l-*house arrest* gie akkordat lill-imputat rikorrent wara li hu kien ghamel talba ghal-liberta' provvizorja, u, in konsonanza man-natura u l-forma tat-talba imressqa, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghaddiet biex fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2003 torbot lill-imputat b'kundizzjonijiet li solitament jigu mposti kull meta tinghata l-liberta' provvizorja. Dawn jinkludu – apparti milli ma jhallix id-dar hlief biex imur il-Qorti meta mehtieg – ingunzjoni li ma jkellimx xhieda u li ma jbiddilx l-indirizz, kif ukoll li jaghmel tajjeb ghall-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet permezz ta' garanzija personali.

Tant kien car l-intendiment li r-rikorrent kien qed jinghata l-liberta’ provvizorja li hu ma oggezzjonax ghad-decizjoni tal-Qorti u sahansitra iddikjara, fil-verbal tas-seduta fuq imsemmija li fehem il-kundizzjonijiet u iffirma fuq il-*prime note*. Wiehed jipprezumi li, li kieku r-rikorrent deherlu li ma kinitx intlaqghetlu t-talba ghal-liberta’ provvizorja, huwa kien jerga’ jaghmel talba ohra f’dan is-sens.

Il-kaz ta’ ***Pekov*** ma japplikax ghall-kaz odjern

Fil-kaz ta’ ***Pekov vs Bulgaria*** citat mir-rikorrent, l-applikant kien originarjament **“deprived of his liberty on the basis of a suspicion that he had misappropriated funds, had mismanaged the assets entrusted to him, had engaged in banking business without having the requisite licence, and had abused the powers.”** (para. 77)
u gie ghalhekk mizmum f’detenzjoni. Din ir-raguni ghad-detenzjoni ta’ Pekov jirrizulta li baqghet ma nbidlitx meta sussegwentement gie mqieghed taht ‘*house arrest*’.

Il-*house arrest* f’**Pekov** giet imposta bhala detenzjoni

Fil-kaz ***Pekov***, il-Qorti Ewropeja iddecidiet li z-zamma ta’ l-applikant Pekov taht ‘house arrest’ fic-cirkostanzi partikolari konnessi ma’ dak il-kaz ma kinitx sitwazzjoni ta’ ‘house arrest’ in konnessjoni ma’ liberta’ provvizorja, bhalma nghata r-rikorrent odjern, izda kienet tekwivali ghal detenzjoni. Fil-fatt, a differenza mill-kaz odjern, Pekov ma kienx gie mqieghed taht *house arrest* bhala kundizzjoni sabiex jinghata l-liberta’ provvizorja (bail) u ghalhekk dak li gie deciz f’**Pekov** ma japplikax hawnhekk.

Difatti, meta fit-2 t’Ottubru 1996 huwa kien gie rilaxxat mid-detenzjoni u impoggi minflok taht house arrest fuq decizjoni ta’ l-Ufficcju tal-Prosekutur Regjonali ta’ Burkas gewwa l-Bulgarija, il-Qorti Ewropeja ikkonstatat li dan kien sar ghax
**“It (l-Ufficcju) found that his remaining in custody could have an irreversible negative impact on his health. The attempts to treat him in the prison hospital and proved futile, whereas his state of health**

**required immediate specialised hospital treatment.”** (para. 39)
Ghalhekk, fid-decizjoni tal-Prosekutur Regjonali ma kien hemm ebda hjiel li b’xi mod jindika li l-house arrest kien qieghed jigi moghti bhala forma ta’ liberta’ provvizorja. Konsegwentement, il-Qorti Ewropeja qieset tali arrest bhala forma ta’ detenzjoni mill-gdid.

Id-detenzjoni taht house arrest f’***Pekov*** giet imposta mill-prosekuturi stess

Fl-ahhar nett ta’ min jinnota ukoll, ghalkemm dan il-punt m’ghandux konnessjoni diretta ma’ l-ilment tar-rikorrent, li l-*house arrest* ta’ Pekov ma kienx gie deciz minn Qorti kompetenti ai termini ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, izda mill-Ufficcju tal-Prosekutur Generali, li huwa l-ekwivalenti ta’ l-Ufficcju ta’ l-Avukat Generali u/jew it-Taqsima Prosekuzzjonijiet tal-Korp tal-Puluzija. Dwar dan il-punt, il-Qorti qalet li
**“The applicant’s pre-trial detention was ordered by an investigator and confirmed by a prosecutor (see paragraphs 32 above), in accordance with the provisions of the CCP then in force. His ensuing house arrest was also ordered by a prosecutor (see paragraph 39 above). Neither the investigator, nor the prosecutor were sufficiently independent and impartial for the purposes of Article 5 § 3, in view of the practical role they in the investigation and the prosecution, and the prosecutor’s potential participation as a party to the criminal trial.”** (para. 69)
Allura, wiehed ma jiskantax li l-*house arrest* ta’ Pekov gie meqjus tant arbitrarju li kien jekwivali ghal detenzjoni illegali f’ghajnejn il-Qorti.

L-ewwel ilment tar-rikorrenti Zammit jikkonsisti f’dak li huwa jqis bhala nuqqas ta’ smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Ghalkemm l-istess rikorrent ma jindikax fuq liema provvedimenti qed isejjes l-ilmenti tieghu, din il-Qorti qed tqis li dawn qed jigu bbazati fuq l-Art. 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Nuqqas ta’ smiegh xieraq.

Jirrizulta mill-atti tal-process penali li gew allegati li l-iter tal-appell kien jikkonsisti l-ewwel f’seduta fit-22 ta’ Frar 2007, fejn dehret id-difensur tar-rikorrent odjern u talbet li tipprezenta certifikat mediku. Wara li qieset dan ic-certifikat, il-Qorti ddecidiet li l-istess ma kienx jiggustifika l-assenza tal-akkuzat fil-Qorti u ghalhekk l-appell gie dikjarat dezert. Erbat ijiem wara gie prezentat rikors li permezz tieghu saret talba ai termini tal-Art 422(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex l-istess appell jigi appuntat ghal data ohra. Il-Qorti tal-Appell Kriminal irrizervat li tipprovdi wara li tisma’ t-tabib li ccertifika kif fuq intqal. Il-Qorti fil-fatt semghet lit-tabib u sussegwentement cahdet it-talba tar-rikorrent odjern biex tappunta l-appell ghal data ohra.

Minn dan jirrizulta lil din il-Qorti li, fl-ebda stadju ma kien hemm nuqqas ta’ smiegh xieraq kif ilmentat mir-rikorrent. Ta’ min jinnota li l-Konvenzjoni Ewropeja ma tindahalx lill-Qrati nazzjonali dwar kif jirregolaw il-procedura taghhom sakemm din ma tkunx manifestament u palezement leziva ta’ drittijiet fondamentali. Ir-rimedju kostituzzjonali m’huwiex mod ulterjuri kif wiehed jattakka decizjoni li ma jaqbilx maghha.

Ir-rikorrenti jaghmel ukoll ilment iehor. Fis-sentenza taghha fil-11 ta’ Jannar 2007, il-Qorti ma kkunsidratx il-perjodu ta’ tmien xhur li huwa ghamel bhala house arrest bhala arrest preventiv.

Il-Qorti tinnota li huwa stabbilit f’dawn il-Qrati illi l-house arrest huwa biss wahda mill-kundizzjonijiet li bihom tinghata l-liberta’ provvizorja mill-arrest qabel ma tinghata sentenza finali. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tinnota illi l-kaz ta’ Pekov huwa inapplikabbli f’dawn ic-cirkostanzi. Il-house arrest fil-kaz ta’ Pekov kienet inghatat f’cirkostanzi ferm diversi, fejn kienet tekwivali ghal detenzjoni u bla hjiel li kienet qed tinghata bhala parti mil-liberta’

provvizorja. Tant hu hekk illi l-istess detenzjoni fil-kaz ta' Pekov kienet imposta mill-prosekuturi u ghaldaqstant kienet meqjusa irregolari fic-cirkostanzi.

Il-Qorti tirreferi hawnhekk ghas-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Anthony Grech vs L-Avukat Generali" (8 ta' Frar, 2010), fejn il-Qorti Kostituzzjonali spjegat il-principji li jirrigwardaw il-kundizzjoni ta' house arrest in relazzjoni tad-drittijiet fondamentali.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------